**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 141/2011 AL

A B
(Karta tal-Identita` numru 0283173 M )

vs

C B
(Karta tal-Identita Numru 431873 M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti A B, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-Gimgha, 14 ta' Awwissu 1998 u miz-zwieg taghhom twieled tifel, M B fis-17 ta ' Jannar 2005 li llum ghadu minuri ;
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u l-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar id-19 ta' Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Fenech

liema kuntratt jirregola l-aspetti kollha tas-separazzjoni taghhom (Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument A ) ;

3. Illi tul ix-xhur, l-intimata naqset serjament milli tonera diversi obbligi naxxenti mill-istess kuntratt u in vista tal-inadempjenza taghha, il-kwistjoni giet riferita ghal Medjazzjoni skont il-ligi ;
4. Illi sfortunatament, il-procedura ta' medjazzjoni kellha ezitu negattiv u b'digriet datat it-18 ta' April 2011, dina l-Qorti ddikjarat il-Medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lil A B jipprocedi b'kawza u dan fit-termini imposti mill-ligi (Kopja tad-Digriet anness u mmarkat Dokument B) ;
5. Illi l-inadempjenza tal-intimata hija relatata ma' diversi Artikoli tal-kuntratt u tikkonsisti fis-segwenti :
   i. Illi ai termini tal-Artikolu 8( e ) tal-Kuntratt, il-partijiet ftehmu **illi kontijiet tad-dawl u tal-ilma u kontijiet ohra relatati mat-telefon u servizz ta' internet relatati mal-fond matrimonjali Cavallino Rampante, Triq Parilja Santa Venera, kemm –il darba ghad hemm xi ammonti pendenti u in kwantu jirrigwarda il-perjodu mit-tletin ta' Mejju 2009 sad-data tal-kuntratt ghandhom jihallsu mill-mara.** Dan il-hlas ma sarx bil-konsegwenza illi min jipprovdi dawn is-servizzi jista` in vista tan-nuqqas ta' hlas jissospendi s-servizzi u dan a detriment tal-minuri M B illi jirrisjedi gewwa l-istess dar mal-intimata ;
   ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ai termini tal-**Artikolu 12 tal-istess kuntratt**, il-partijiet qablu u ftehmu illi ;

      « fl-eventwalita` illi l-mara jkollha relazzjoni ma' terza persuna u dan tal-ahhar jibda jirrisjedi permanentement jew fuq bazi regolari hafna gewwa d-dar matrimonjali, il-mara tkun obbligata thallas nofs il-pagament mensili tad-dejn gravanti fuq il-propjeta ossia l-home loan u l-mara f'din l-eventwalita biss, titlef il-beneficcju illi tghix gewwa d-dar minghajr ma thallas ir-rati mensili. »

Illi minn ftit gimghat biss wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-mara, illi kellha u ghad ghandha relazzjoni ma' terza persuna bl-isem ta' Frank B, accettat gewwa d-dar matrimonjali lill-istess Frank B u kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza, B beda jirrisjedi b'mod regolari hafna god-dar god- dar matrimonjali, flimkien mal-intimata u ukoll l-iben minuri M.

Illi kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt il-kawza, l-istess Frank B iqum u jorqod kuljum gewwa d-dar gia matrimonjali u qieghed jikkoabita mal-intimata u binha.

Illi ghaldaqstant sehhet il-kundizzjoni kontemplata fl-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni u l-intimata hija ghalhekk obbligata thallas nofs il-Home Loan u dan fl-ammont ta' Euro 131 fix-xahar u dan mix-xahar ta' Dicembru 2010 u cioe` id-data meta Frankie B beda effettivament jghix u jirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali.

Illi nonostante dan il-fatt, l-intimata ghada tinnega sahansitra l-ezistenza tal-« partner » gdid taghha u ghalhekk irrifjuta milli thallas dak minnha dovut sa minn Dicembru 2010.

iii. Illi ai termini tal-Artikolu 14 (e) tal-istess kuntratt il-partijiet ftehmu illi :

*« Fl-evetwalita` illi l-Mara jkollha relazzjoni stabbli ma terza persuna, il-Mara ma tibqax tircevi manteniment ghaliha u l-ammont pagabbli f'dan il-kaz minghand ir-Ragel ikun esklussivament ghat-tifel u cioe` fis-somma ta' Euro 550 »*

Illi in vista tal-fatti tal-kaz kif sejjer jigi ampjament ippruvat, tezisti relazzjoni stabbli bejn l-intimata u Frank B sa minn Dicembru 2010, il-manteniment ta' C B mhuwiex izjed dovut izda ir-rikorrent, sabiex

jezimi ruhu minn kwalsiasi responsabilita` beda jiddepozita l-ammont ta' Euro 250 taht l-Awtorita` ta' dina l-Qorti u dan minghajr ebda ammissjoni illi huwa dovut stante illi l-intimata tilfet id-dritt ghall-manteniment ai termini tal-Artikolu 14 ( e ) tal-kuntratt iffirmat liberalment minnha stess.

Talab b'referenza tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata naqset milli thallas tad-dawl u tal-ilma kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-Artikolu 8 (e) tal-Kuntratt u bi ksur tal-obbligi taghha naxxenti mill-istess Artikolu u tillikwida tali ammont;
2. Tordna lill-intimata thallas l-ammont hekk likwidat skont l-ewwel talba;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri li tigi stabbilita mill-qorti , l-intimata kellha relazzjoni ma terza persuna u dan tal-ahhar beda jirrisjedi permanentement jew fuq bazi regolari hafna gewwa id-dar matrimonjali u dan ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ;
4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata hija obbligata thallas nofs il-pagament mensili tad-dejn gravanti fuq il-propjeta` ossia l-Home Loan minn Dicembru tas-sena 2010 u ukoll illi l-intimata tilfet il-beneficcju illi tghix gewwa d-dar minghajr ma thallas ir-rati mensili ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni u sussegwentement tordna lill-intimata thallas is-sehem taghha mill-pagamenti sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri stabbilita mill-qorti.
5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri, kienet involuta f'relazzjoni stabbli ma terza persuna u sussegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi sa minn Dicembru 2010, l-intimata tilfet id-dritt li tircievi manteniment ghaliha fis-somma ta' Euro 250 fix-xahar u dan ai termini tal-Artikolu 14 (e ) tal-

kuntratt ta' separazzjoni, u illi l-ammont pagabbli sa minn Dicembru 2010 mir-rikorrent kien u se jkun esklussivament ghat-tifel u cioe` fis-somma ta' Euro 550 fix-xahar.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur ;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti r-rikors promotur huwa irritu u null stante illi ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-avviz legali 397 tal-2003 stante illi ma gietipprezentata l-ebda ittra ghall-medjazzjoni fuq il-mertu tal-kawza odjerna. Illi jigi rilevat illi l-uniku ittra ghal ftuh ta' medjazzjoni ipprezentata mill-attur (vide kopja annessa u mmarkata `Dok. SB1`) kienet tirrigwarda l-varjazzjoni tal-klawsola numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-kawza odjerna rigwardanti l-hinijiet ta' access biss minghajr ebda referenza ghall-materji u klawsoli mertu tal-kawza odjerna. Infatti l-attur ipprezenta kawza fl-istess ismijiet bin-numru 150/2011 NC permezz ta' liema huwa qieghed jitlob il-varjazzjoni tal-klawsola numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni rigwardanti l-hinijiet ta' access tal-iben minuri M B. Illi jigi rilevat ukoll illi apparti dak li nghad aktar 'il fuq, anqas huwa legalment possibbli illi minn medjazzjoni wahda jigu intavolati zewg kawzi.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll it-talbiet attrici huma intempestivi, frivoli u vessatorji u intizi biss sabiex jivvessaw lill-konvenuta u sabiex l-attur jittenta jilledi l-obbligi minnu assunti fil-konfront ta' martu l-konvenuta fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll din il-Qorti ma hiex kompetenti rationae materiae sabiex tisma u tiddeciedi l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tal-attur;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll l-ewwel (1) u t-tieni(2) talbiet tal-attur kif dedotti huma intempestivi u ma jistghux jintlaqghu u dana stante illi l-klawsola 8 (e) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma tistipulax z-zmien li fih kellu jsir il-hlas u ghaldaqstant semmai t-talba kellha tkun sabiex il-qorti tistabilixxi zmien li fih il-konvenuta ghandha tesegwixxi l-obbligi taghha; Illi jigi sottomess illi l-konvenuta qieghda regolarment taghmel l-pagamenti relattivi u l-arretrati ta' dawl u ilma fuq il-fond matrimonjali Cavallino Rampante, Triq il-Parilja, Santa Venera jirraprezentaw in parte l-perjodu ta' qabel id-data tat-30 ta' Mejju 2009 indikata fil-klawsola 8 (e) u in parte l-perjodu illi fih kienet qeghda tigi kkuntrattata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u illi fih l-attur kien qieghed ighaddi lill-konvenuta mara ammonti zghar ta' manteniment li bilkemm kienu jservu sabiex hija tghajjex lill-iben minuri ;
5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attrici numru tlieta (3) sa hamsa (5) it-tnejn inkluzi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u ghalkemm il-konvenuta ghandha relazzjoni ta' hbiberija mal-imsemmi Frankie B ma huwiex minnu illi hemm xi forma ta' relazzjoni li tista tigi deskritta bhala wahda "stabbli" kif riferut fil-klawsola 14 (e) tal-kuntratt ta' s-separazzjoni personali u/jew illi l-imsemmi Frankie B qatt irrisjeda u /jew qieghed jirrisjedi "permanentement jew fuq bazi regolari hafna gewwa d-dar matrimonjali" u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza li permezz taghha l-attur qieghed jitlob lill-Qorti biex tordna lill-konvenuta tonora diversi obbligi taghha skond il-kuntratt ta' separazzjoni li sar bejniethom issa ladarba skont hu sehhet kundizzjoni skond il-kuntratt, u cioe' li l-konvenuta, ghandha relazzjoni stabbli ma' terza persuna. Il-konvenuta min-naha taghha qeghda teccepixxi diversi eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu tichad fil-fatt u fid-dritt il-premessi maghmula mill-attur.

**<u>Verzjoni attur</u>**

L-attur jixhed permezz ta' affidavit[1] u jghid li minn dejjem kien hemm problemi bejnu u bejn martu fiz-zwieg u eventwalment hass li kien fl-ahjar interess taghhom it-tnejn li jisseparaw. Fil-fatt il-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 19 t'Ottubru 2010 u l-attur jghid li huwa obbliga ruhhu li jhalli lil martu u lil ibnu jghixu fl-istess livell ta' ghixien li kellhom waqt iz-zwieg. Il-konvenuta tghix fid-dar matrimonjali sakemm iben il-partijiet jaghlaq l-eta ta' tmintax-il sena u huwa wkoll qieghed ihallas ghal-*loan* tad-dar wahdu u mhux ser jirkupra dan il-hlas mal-bejgh tad-dar. Illi l-attur obbliga ruhhu wkoll li jhallas

---

[1] Ara fol 57 et seq tal-process

manteniment ta' €800 fix-xahar, €550 ghal ibnu M u €250 ghall-konvenuta. Dawn l-obbligi ghall-hlas ta' manteniment u *loan* kienu soggetti ghal-kundizzjonijiet li llum il-gurnata sehhew.

L-attur jghid li ftit zmien wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, iben il-partijiet qallu li l-konvenuta kellha relazzjoni, ghalhekk huwa iddecieda li jinvestiga. Huwa beda jmur personalment u beda jara li filghodu kmieni kien qed johrog ragel mid-dar matrimonjali tal-partijiet u dan kien qieghed isir ta' kuljum. Sahansitra l-vetturi ta' dan ir-ragel kienu jkunu ipparkjati quddiem id-dar ta' kuljum. Sahansitra iben il-partijiet beda jirreferi ghal dan ir-ragel bhala *Daddy Frank.*

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet fi klawsola 12 tal-kuntratt jghid, *"Fl-eventwalita' illi l-Mara jkollha relazzjoni ma' terza persuna u dan ta' l-ahhar jibda jirrisjedi permanentement jew fuq bazi regolari hafna gewwa d-dar matrimonjali, l-Mara tkun obbligata thallas nofs il-pagament mensili tad-dejn gravanti fuq il-propjeta' ossia' il-Home Loan u l-Mara f'din l-eventwalita' biss, titlef il-beneficcu illi tghix gewwa d-dar mibghajr ma thallas ir-rati mensili."* Ghalhekk skont hu, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12 tal-kuntratt, il-konvenuta hija obbligata thallas nofs il-pagamenti tal-*home loan* peress li hija issa qeghda f'relazzjoni ohra ma' terza persuna.

Illi l-istess kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsola 14(e) jghid hekk, *"Fl-eventwalita' illi l-Mara ikollha relazzjoni stabbli ma' terza persuna, il-Mara ma tibqax tircevi manteniment ghaliha u l-ammont pagabbli f'dan il-kaz minghand ir-Ragel ikun esklussivament ghat-tifel u cioe' fis-somma ta' Euro550 fix-xahar".* Hawn ukoll l-attur ihoss li peress li l-konvenuta qeghda f'relazzjoni ohra, il-manteniment dovut lill-konvenuta ghandu jigi sospiz.

**<u>Verzjoni konvenuta</u>**

Il-konvenuta tixhed[2] u tghid li rigward id-dar matrimonjali l-loan ma hallsitux minn Frar 2011 sa l-2013 izda f'Jannar 2014 bdiet thallas. Tghid li l-attur ghandu jhallasha hlas ta' dawl u ilma sakemm kien ghadu d-dar sat-30 ta' Mejju 2009. Hi tghid li l-*house loan* ma kenitx thallasha ghax kienet thallas id-dejn li halla l-attur, u ghaliex ma kellhiex minn fejn thallas.

**<u>Provi rigward l-eccezzjonijiet preliminari</u>**

Flimkien mar-risposta guramentata taghha il-konvenuta ipprezentat kopja ta' l-ittra ta' medjazzjoni bejn il-partijiet datata 11 ta' Jannar 2011 bin-numru 103/2011[3].

L-attur mar-rikors guramentat tieghu ipprezenta id-digriet datat 18 ta' April 2011[4] li permezz tieghu il-Qorti ghalqet il-medjazzjoni bejn il-partijiet u awtorizzat lill-attur jipprocedi b'kawza fit-termini imposti mill-Ligi. Id-digriet jaghmel referenza ghall-ittra numru 103/2011.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut</u>**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija fis-sens illi ma giet prezentata ebda ittra ghall-medjazzjoni fuq il-mertu tal-kawza odjerna ai termini ta' l-avviz legali 397 ta' l-2003. Hi tghid li l-uniku ittra ghall-ftuh ta' medjazzjoni kienet tirrigwarda l-varjazzjoni tal-klawsola numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-kawza odjerna li tirrigwarda l-hinijiet t'access biss, minghajr referenza ghall-kawza odjerna. Hi tghid li l-attur ipprezenta kawza fl-istess ismijiet numru 150/2011 NC li permezz taghha qieghed jitlob il-varjazzjoni tal-klawsola

[2] Ara fol 243 tal-process xhieda datata 8 ta' Gunju 2015
[3] Ara fol 73 tal-process
[4] Ara fol 23 tal-process

numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Tghid li huwa legalment impossibbli illi minn medjazzjoni wahda jigu intavolati zewg kawzi.

Filwaqt li din il-Qorti tirrileva li ma gietx prezentata kopja legali l-kawza l-ohra 150/2011NC sabiex din il-Qorti tara fuq liema bazi saret, il-kawza msemmija, l-Qorti qeghda taghmel referenza ghar-regolament 9 ta' l-Avviz 397 ta' l-2003, li jghid is-segwenti :

*9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti;*
*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*
*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*
*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*
*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*

*dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skont m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

Il-Ligi f'dan ir-rigward hija cara, tghid li l-ittra tal-medjazzjoni f'dan ir-rigward, wara li jkun hemm diga' ftehim bejn il-partijiet, il-partijiet jistghu jitolbu li tinfetah medjazzjoni permezz ta' ittra li f'din l-ittra jrid ikun hemm miktub x'inhi t-talba ta' dik il-parti. F'dan ir-rigward l-ittra ta' medjazzjoni ipprezentata din ma tirraprezentax it-talba ta' l-attur li ghamel lil din il-Qorti permezz ta' din il-kawza, ghalhekk l-awtorizzazzjoni li nghatat permezz tad-digriet datat 18 t'April 2011 a fol 23 tal-process biex l-attur jipprocedi bil-kawza, ma kenitx biex jipprocedi b'din il-kawza.

Izda l-Qorti qatt ma setghet fi kwalunkwe kaz taghti digriet biex l-attur jkun jista' jipprocedi bil-kawza odjerna fejn qieghed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenuta tonora l-obbligazzjonijiet taghha taht kundizzjoni suspensiva skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali li sar bejn il-partijiet datat 19 t'Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Ritienne Fenech[5]. Wisq inqas seta' l-attur jipprezenta ittra f'dak is-sens, u dan peress li r-Regolament 9 ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003 huwa wiehed estintiv u ma jippermettix li ssir medjazzjoni fuq it-talbiet li giet imsejsa din il-kawza fuqhom

Illi ghalhekk f'dan ix-xenarju l-Qorti se tghaddi direttament ghat-tielet eccezzjoni preliminari tal-konvenuta, li tghid li din il-Qorti ma hix kompetenti *rationae materiae* biex tisma' u tiddeciedi l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet ta' l-attur.

Il-Qorti se taghmel referenza ghall-Avviz Legali 9 ta' l-2004, fejn hemm ir-regolamenti li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il- Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali) u Qorti tal-Magistati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja), fl-iskeda, fl-artikolu 4, hemm ipprovdut illi lill- Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili li ghandhom x'jaqsmu ma':

Titoli 1,11 u IV ta l-ewwel ktieb tal-Kodici Civili;
L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Degrieti u Manteniment;
L-att dwar l-esekuzzjoni reciproka ta' ordnijiet ta' Manteniment;
L-att dwar iz-Zwieg u
L-att dwar is-sekwestru u l-kustodja ta' minuri.

---

[5] Ezebit a fol 6 tal-process

Imbaghad skont l-artikolu 6, lill-Prim Awla tal-Qarti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

Illi l-ewwel u t-tieni talbiet attrici jirrigwardaw hlas ta' dejn u t-tielet, ir-raba u l-hames talbiet jirrigwardaw dikjarazzjoni li sehhet il-kundizzjoni msemmija fil-klawsoli 12 u 14(e) ta' l-istess kuntratt tas-separazzjoni. Il-Qorti tinnota li din il-kawza ma saritx ai termini ta' wahda mid-dispozizzjonijiet fir-regolament 9 ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003 jew ta' l-Artikolu 4 fl-iskeda ta' l-Avviz Legali 9 ta' l-2004.

Ghalhekk certament il-kompetenza ta' l-ewwel u t-tieni talba hija dik tal-Prim' Awla, u wkoll fir-rigward tat-talbiet l-ohra il-kompetenza hija dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Hawnhekk il-Qorti qeghda taghmel referenza ghall-Artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk;

*774. Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha –*
*(a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929; jew*
*(b) meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti; jew*
*(ċ) meta f'kawżi ta' żbank ta' depożiti, il-flus jew ħwejjeġ oħra jkunu ddepożitati taħt l-awtorità ta' qorti oħra:*

*Iżda, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (b), l-eċċezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistgħux jingħataw u lanqas ma jistgħu jiġu dikjarati ex officio, f'qorti fi grad ta' appell.*

Il-Qorti hija obbligata li minn jeddha tqajjem kwistjoni dwar il-kompetenza tagħha biex tisma' dan il-każ. Kif inhu magħruf, ir-regoli ta' proċedura huma materja ta' ordni pubbliku li ma jistgħux jiġu njorati mill-Qorti.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni u qegħda tiddikjara ruhha inkompetenti għar-rigward it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tal-attur u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet u l-eccezzjonijiet l-ohra attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.